MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tas-26 ta' Lulju, 2012

Numru 762/2012

**Il-Pulizija**
**(Spettur Geoffrey Azzopardi)**

**vs.**

**Raho Adam Mohammed**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta’ Raho Adam Mohammed ta’ sitta u ghoxrin (26) sena, bint Adam Mohammed, imwielda s-Somalia fl-1 ta’ Jannar 1986 u residenti go Hal Far Open Centre, bin-numru tal-Pulizija 08KK-018, akkuzata talli

Fix-xhur ta’ qabel il-25 ta’ Lulju 2012 f’dawn il-Gzejjer imbarkat minn Malta minghajr ma kellha passaport u minghajr ma tat lill-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-ohra kif l-Ufficjal Principali ta’ l-Immigrazzjoni seta’ deherlu xieraq li

jehtieg, ai termini ta’ l-Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet lill-imputata tammetti l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra taghha u semghetha tikkonferma l-ammissjoni taghha anke wara li l-Qorti taghtha zmien tikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjoni migjuba kontra taghha u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tar-reat addebitat lill-imputata, l-ammissjoni bikrija tal-imputata f’dawn il-proceduri, il-fatt li l-fedina penali tal-imputat hija wahda nadifa u kif ukoll id-dikjarazzjoni tal-Ufficjal Prosekutur fis-seduta tallum li ma jkunx opportun li l-imputata tinghata sentenza ta’ prigunerija effettiva u dana minhabba n-natura tar-reat addebitat lill-imputata u minhabba li l-istess imputata tinsab fis-seba’ xahar ta’ tqala.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikolu 28 tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghha u tikkundannha ghal perijodu ta’ sitt (6) xhur prigunerija li, b’applikazzjoni ta’ l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed jigu sospizi ghal tlitt (3) snin.

A tenur ta’ l-Artikolu 28A(4) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti spjegat lill-imputata bi kliem car ir-responsabilita’ taghha taht l-Artikolu 28B tal-Kapitolu 9 tal-

Ligijiet ta' Malta jekk hija tikkometti matul il-perijodu operattiv, reat li ghalih hemm piena ta' prigunerija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------